# MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**STQARRIJA GHALL-MIDJA**

## Il-Bank of Valletta plc immultat għal ksur ta' regolamenti fir-rigward ta' bejgħ ta' *preferred securities* mibjugħa lill-investituri

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) imponiet multa amministrattiva ta' €175,174 lil Bank of Valletta plc għal ksur ta' regolamenti relatati għal kif ingħatat informazjoni dwar, u kemm kienu addattati *securities* finanzjarji mibjugħa lill-pubbliku ġenerali.

Il-multa hija riżultat ta' investigazzjoni twila li seħħet minħabba numru ta' ilmenti fuq kif ċerti *securities* finanzjarji ġew mibjugħa lill-investituri, li inkludew *perpetuals* u *preferred securities* oħra maħruġa minn Lehman Brothers, ir-Royal Bank of Scotland, HBOS u oħrajn.

L-investigazzjonijiet kienu ilhom sejrin mill-2009, meta numru ta' investituri irregistraw ilmenti mal-Manager tal-Ilmenti tal-Konsumatur ta' l- Awtorità, fejn dawn talbu investigazzjoni fuq kif dawn il-*preferred securities* ġew offruti lilhom. Dawn l-ilmenti tqajmu l-aktar wara l-falliment tal- Lehman Brothers f'Settembru 2008. Madankollu, matul l-investigazzjonijiet, l-Awtorità wessgħet l-iskop tal-istħarriġ li kienet qiegħda tagħmel għal *preferred securities* oħra li kienu jagħmlu parti mill-*portfolios* ta' investimenti ta' numru ta' dawk li għamlu lment.

Fuq dak li rriżulta mill-istħarriġ, l-Awtorità rrakkomandat lill-bank biex jikkumpensa lill-investituri li sofrew danni. F'ċerti każijiet, jidher li l-bank aċċetta r-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità u wasal għal ftehim privat mal-investitur. F'numru ta' każijiet oħra, il-bank ma qabilx ma' dak li sabet l-Awtorità u mar- rakkomandazzjonijiet tagħha.

Fil-kas ta' ilment minn konsumatur, l-Awtorità għandha jedd biss li tagħmel rakkomandazzjonijiet. Il-bank u l-konsumatur jistgħu jagħżlu li ma jaċċettawx ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Awtorità, u f'dan il-kas wieħed jista' jipproċedi skond il-liġi. Dawk kollha li għamlu ilment għandhom jirċevu ittra mingħand l-Awtorità  dwar l-eżitu tal-investigazzjoni tal-ilment tagħhom.

L-Awtorità ħarget avviż li jinstab fuq is-sit eletroniku tagħha (www.mfsa.com.mt) kif mitlub mill-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fir-rigward tal-ksur ta' regolamenti mill-bank.

Il-Bank of Valletta għandu d-dritt jappella minn din id-deċiżjoni sas-26 ta' Jannar 2012.

Sadanittant, l-Awtorità se tkompli tinvestiga lmenti pendenti kif ukoll dawk ġodda kontra il-bank fir-rigward ta' dawn il-*preferred securities* fuq il-linji li  l-Awtorità użat biex tiddetermina l-każijiet imsemmija aktar qabel hawn fuq. Kull kas jiġi trattat fuq il-merti tiegħu.

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta'Malta**
**5 ta' Jannar 2012**
**Ref: MFSA MR 01/2012**